

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (il-Qorti Amministrattiva u Industrijali tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija) fl-10 ta' April 2019 — PORR Építési Kft. vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága**

(Kawża C-292/19)

(2019/C 220/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Qorti tar-rinviju**

Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: PORR Építési Kft.

Konvenuta: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 90(1) u (2) tad-Direttiva dwar il-VAT <sup>(1)</sup> għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri għandhom jippermettu t-tnaqqis tal-valur taxxabbli tal-VAT meta l-persuna taxxabbli tkun tista' ttipprova li hija definittivament ma rċevitx, totalment jew parzjalment, il-korrispettiv tat-tranżazzjoni li wettqet?
- 2) Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'teħid inkunsiderazzjoni b'mod partikolari tal-punt 23 tas-sentenza Almos [C-337/13], tal-punti 20 sa 29 tas-sentenza Di Maura [C-246/16] u — b'analoġija — tal-punti 31 sa 45 tas-sentenza T-2 [C-396/16], għandha tiġi interpretata fis-sens li, mill-perspettiva tal-obbligu tal-Istat Membru, previst fl-Artikolu 90(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, relattiv għat-tnaqqis *a posteriori* tal-valur taxxabbli, għandha ssir distinzjoni bejn il-każ tan-nuqqas ta' ħlas totali jew parzjali tal-korrispettiv mix-xerrej, li fih l-Istat Membru jista' juża l-possibbiltà ta' deroga prevista fl-Artikolu 90(2), u t-tieni każ, li jikkorrispondi għas-sitwazzjoni fejn il-kreditu tal-bejjiegħ issir definittivament irrekuperabbli, li fih din il-possibbiltà hija eskluża u l-Istat Membru għandu fi kwalunkwe każ l-obbligu li jippermetti t-tnaqqis *a posteriori* tal-valur taxxabbli?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Litwanja) fis-16 ta' April 2019 — XT vs Valstybinė mokesčių inspekcija prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos**

(Kawża C-312/19)

(2019/C 220/25)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

**Qorti tar-rinviju**

Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas